

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Dwar Il-fallimenti U L-insolvenza](#) > [Latvia](#)

## Reġistri dwar il-fallimenti u l-insolvenza

Il-kontenut ipprovdut minn  
Latvja

Latvja

Din it-taqsimha tipprovdha ħarsa ġenerali fil-qosor lejha ir-reġistru tal-insolvenza tal-Latvja.

### Informazzjoni li tista' tinstab fir-reġistru tal-insolvenza ġestit mir-Reġistru Latvjan tal-Intrapriżi

Ir-reġistru tal-insolvenza fih informazzjoni dwar:

- amministraturi;
- proċedimenti ta' insolvenza fir-rigward ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi;
- proċedimenti ta' protezzjoni legali;
- proċedimenti mhux ġudizzjarji ta' protezzjoni legali;
- ħelsien mid-dejn ta' persuna fiżika (proċedura nazzjonali biss).

Ir-reġistru tal-insolvenza huwa aċċessibbli għal kulħadd u l-entrati tiegħu għandhom l-istatus ta' rekords uffiċjali. L-informazzjoni tista' tiġi kkonsultata mingħajr ħlas.

Ir-reġistru tal-insolvenza jaqa' taħt l-awtorità tar-Reġistru Latvjan tal-Intrapriżi ([Uzņēmumu reģistrs](#)).

### Tiftix fir-reġistru tal-insolvenza ġestit mir-Reġistru Latvjan tal-Intrapriżi

#### Amministraturi

Din it-taqsimha fih informazzjoni dwar l-amministraturi, jiġifieri:

- isem;
- kunjom;
- l-indirizz lokali u l-informazzjoni ta' kuntatt tal-prattika;
- in-numru taċ-ċertifikat professjonali;
- il-validità taċ-ċertifikat professjonali.

Informazzjoni dwar l-amministraturi li l-attività professjonali tagħhom tkun waqfet tista' tinstab taħt [Data storika](#) (Vēsturiskie dati). L-informazzjoni kollha mdaħħla fir-reġistru tal-insolvenza dwar kull amministratur tista' tinstab taħt il-ħolqa Estratt (Izziņa).

#### Tfittxija

Tfittxija għall-informazzjoni dwar entità speċifika (persuna fiżika jew ġuridika) tista' ssir fit-taqsimha Tiftix (Meklēšana) tar-reġistru. L-informazzjoni tista' tiġi mfittxija billi jintużaw il-kriterji ta' tfittxija li ġejjin:

- in-numru ta' reġistrazzjoni tad-debitur (għall-persuni ġuridiċi) jew in-numru ta' identifikazzjoni personali (għall-persuni fiżiċi);

- l-isem/kunjom jew it-titlu tad-debitur;
- il-perjodu tal-bidu tal-proċedimenti;
- it-tip ta' proċedimenti (proċedimenti ta' insolvenza, proċedimenti ta' protezzjoni legali, proċedimenti ta' protezzjoni legali barra l-qorti, ħelsien mid-dejn ta' persuna fiżika);
- in-natura tal-proċedimenti (nazzjonali, transkonfinali primarji, transkonfinali sekondarji, proċedimenti prinċipali ta' insolvenza, proċedimenti sekondarji ta' insolvenza, proċedimenti territorjali ta' insolvenza);
- l-istatus tal-proċedimenti (proċedimenti għaddejnin, proċedimenti kompluti, il-proċedimenti kollha).

Ir-riżultati tat-tiftix jinkludu link għall-Estratt (Izziņa), li jipprovdi aċċess liberu għall-entrati kollha li saru fir-reġistru tal-insolvenza tar-Reġistru tal-Intrapriżi Latvjan fir-rigward ta' proċedimenti speċifiċi, inklużi verżjonijiet skannjati tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 9(4) tal-[Liġi dwar ir-reġistru tal-intrapriżi tar-Repubblika tal-Latvja](#): l-aġenda tal-laqqgħa tal-kredituri u n-notifika lill-kredituri mill-amministratur dwar il-laqqgħa tal-kredituri.

## Ġurnal

Tfittxija għall-entrati magħmula fi ġranet speċifiċi tista' ssir fit-taqsimha [Ġurnal](#) (Žurnāls) tar-reġistru. B'mod awtomatiku, l-entrati huma għall-jum attwali. Uża l-kalendarju biex tara l-entrati magħmula f'dati oħra jew uża s-subtaqsimha [Ġurnal tax-Xahar](#) (Mēneša žurnāls). Kull reġistrazzjoni fiha link għal Estratt (Izziņa), fejn tista' tinstab informazzjoni aktar dettaljata dwar il-proċedimenti ta' insolvenza inkwistjoni.

## Statistika

Data statistika dwar proċedimenti ta' insolvenza ta' persuni ġuridiċi u proċedimenti ta' protezzjoni legali hija disponibbli mingħajr ħlas fit-taqsimha dwar il-[proċedimenti tal-insolvenza](#) fuq il-portal tad-*data* miftuħa tal-Latvja.

## L-istorja tar-reġistru tal-insolvenza ġestit mir-Reġistru tal-Intrapriżi

Ir-reġistru tal-insolvenza fih informazzjoni li tibda mill-1 ta' Jannar 2008.

Informazzjoni addizzjonali dwar ir-reġistru tal-insolvenza ġestit mir-Reġistru tal-Intrapriżi hija disponibbli [hawn](#), u fuq l-[Insolvency Control Service](#).

Aħna nirrimarkaw li l-informazzjoni dwar kwalunkwe entità legali rreġistrata fir-Reġistru tal-Intrapriżi hija disponibbli fuq is-sit web tal-informazzjoni tar-reġistru fil-[info.ur.gov.lv](#). L-informazzjoni kurrenti tista' tiġi kkonsultata/stampata mingħajr ħlas mingħajr awtentikazzjoni, filwaqt li l-informazzjoni storika tista' tiġi kkonsultata u d-dokumenti fit-[taqsimha pubblika](#) jiġu kkonsultati/imniżżla wara l-awtentikazzjoni tal-utent fuq is-sit web.

Jekk ikunu meħtieġa estratt ta' informazzjoni mfassal mir-Reġistru tal-Intrapriżi jew kopji tad-dokumenti, għandha titfassal talba għall-informazzjoni bil-miktub u titħallas tariffa tas-servizz (għal informazzjoni aktar dettaljata jekk jogħġbok ara l-[paġna ewlenija](#) tar-Reġistru tal-Intrapriżi).

L-informazzjoni tista' tintalab u l-informazzjoni dwar il-ħlas tiġi ppreżentata permezz tal-kanali li ġejjin:

- elettronikament (it-talba għall-informazzjoni trid tiġi ffirmata b'firma elettronika sigura u jkollha timbru tal-ħin):
  - l-indirizz elettroniku;
  - email: [pasts@ur.gov.lv](mailto:pasts@ur.gov.lv);
- bil-posta:
  - Register of Enterprises of the Republic of Latvia, Pērses iela 2, Rīga, Latvia, LV-1011.

---

L-aħħar aġġornament: 16/08/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.